MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2009

Numru. 42/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Jackson Micallef, ta’ 22 sena, bin Saviour u Gemma nee’ Mifsud, imwieled Pieta’ Malta nhar it-22 ta’ Awissu 1985, residenti 22, Triq Gafa’ Hamrun, Malta dententur tal-karta ta’l-identita’ numru 436185(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Jackson Micallef li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta’ Gunju 2008 minn gewwa Bacchus Winery fi Triq L-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex ghal habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu (11:30hrs):-

a) Seraq mobile phone tal-marka Nokia N70 GSM bin-numru ta' identifikazzjoni 353946013909780, liema serq jeccedi 232.94 Ewro izda ma jeccediex 2329.72 Ewro u dana sar ghad-detriment ta' Daniel Mercieca (ID15469), liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-30 ta' Gunju 2006 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tas-serq aggravat bil-valur u bil-persuna, meta allegatament huwa seraq *mobile phone* li kien proprjeta ta' certu Daniel Mercieca. Illi fuq il-fatti tal-kaz hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, fis-sens illi d-difiza ma tikkontestax il-fatt illi l-imputat ha l-*mobile phone* mertu tal-kawza. Hija l-*mens rea* wara dana l-fatt illi qed jigi kontestat u cioe' l-*animus* li biha l-imputat ha dana t-telefon cellulari. Il-prosekuzzjoni ssostni illi l-imputat kien jaf illi l-*mobile phone* ma kienx jappartjeni lilu meta hadu, filwaqt illi l-imputat isostni illi huwa ha dana t-telefon peress illi tieghu huwa identiku bhalu u ghalhekk hadu bi zball ghaliex haseb illi dana kien tieghu.

Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq. Il-Qrati taghna madanakollu fil-maggior parti tad-decizjonijiet moghtija dejjem segwew id-definizzjoni moghtija mill-Carrara li s-serq huwa "La *contrectatio* dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro." Minn hawn johorgu hames elementi ta' dan ir-reat:

1. l-hekk imsejha "*contrectatio*" jew it-tehid ta'oggett
2. li huwa ta' haddiehor;
3. maghmula b'intenzjoni frawdolenti

4. minghajr il-kunsens tas-sid
5. *animo lucrandi* – bl-intenzjoni li isir xi forma ta' qliegh.

Illi f'dana l-kaz l-ewwel zewg elementi ma humiex ikkontestati. Ma hemmx dubbju illi kien l-imputat illi ha l-*mobile phone* ta' Mercieca minn fuq l-iskrivanija tieghu. Tant hu hekk illi kien proprju l-imputat li rritorna dana t-telefon lill-pulizija gewwa l-Ghassa tar-Rabat meta gie interrogat. Jista' jinghad l-istess ghar-rigward tar-raba' element peress illi mhux ikkontestat ukoll illi s-sid u cioe' Mercieca ma kienx ta l-kunsens tieghu sabiex l-imputat jiehu dana t-telefon. Fil-fatt hekk kif induna illi l-*mobile phone* kien nieqes, Mercieca mal-ewwel irraporta dana l-fatt lill-pulizija li mbaghad bdew bl-investigazzjonijiet taghhom.

Illi madanakollu l-Qorti trid tistabbilixxi jekk it-tehid mill-imputat sarx b'intenzjoni frawdolenti u *animo lucrandi*. L-imputat isostni illi dana kien zball peress illi l-*mobile phone* tieghu huwa identiku bhal dak ta' Daniel Mercieca. Fil-fatt il-Qorti ikkonstatat dana l-fatt u cioe' illi l-*mobile phone* esebit fl-atti tal-kawza bhala Dokument E huwa identiku fid-dehra u l-marka bhal *mobile phone* illi l-imputat wera lill-Qorti bhala wiehed mill-*mobile phones* li jappartjenu lilu. L-imputat isostni illi huwa impjegat bhala *delivery man* ma' Francis Busuttil & Sons Limited. Fil-gurnata in kwistjoni huwa mar fl-istabbilment bl-isem ta' Gallos Supply fi Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex. Dakinhar flimkien mieghu kien hemm siehbu certu Kursten Spiteri. L-imputat ighid li kkonsenja l-merkanzija u dahal fl-ufficju ta' Mercieca sabiex dana tal-ahhar jaghmillu c-cekk ghall-hlas. Ighid illi kif kien qed jifffirmalu xi karti innota *mobile phone* fuq l-iskrivanija li minn taht il-ghajn hasbu tieghu, qabad il-karti bil-*mobile phone* b'kollox kif lesta u telaq 'il barra. Kif rikeb fil-vann huwa tefa' dana l-*mobile phone* fil-*pouch* li hemm wara is-*seat* u baqa' sejjer fuq xogholu. Isostni illi kif wasal Malta, is-superjuri tieghu infurmawh illi l-pulizija ta' Ghawdex riedu jkellmuh fuq xi *mobile phones*, izda huwa uriehom il-*mobile phone* tieghu u xi flus li kellu u qalilhom illi l-mobile phones li kellu kienu tieghu. Madwar sitt ijiem wara ighid

illi sab dana t-telefon, meta mar biex inaddaf il-*pouch* li hemm wara is-*seat* tal-vann mill-imbarazz. Ighid illi hekk kif induna bit-telefon huwa ddecieda li jitla' Ghawdex u jiehdu ghand il-pulizija u qabel ma tela' l-ghassa huwa iccargja dana l-*mobile phone*. Hekk kif kien fuq il-vapur, b'kumbinazzjoni, iltaqa' mal-habib tieghu Kursten Spiteri li nfurmah illi kien tiela' Ghawdex peress illi l-pulizija riedu jkellmuh fuq dana l-*mobile phone*. Huwa mar l-Ghassa flimkien ma' siehbu u rritorna dana t-telefon lill-pulizija.

Illi fil-kors tax-xhieda tieghu Daniel Mercieca jsostni illi meta nduna illi l-imputat kien hadlu l-*mobile phone* tieghu, huwa beda jcempel b'mod regolari fuq in-numru tieghu, izda wara li jdoqq darbtejn, xi hadd beda' jaqtaghlu. L-imputat min-naha tieghu jichad illi t-telefon beda jdoqq. Madanakollu Kursten Spiteri siehbu li kien mieghu dakinhar ighid mod iehor. Kursten Spiteri ighid hekk: "Naf li Jackson fil-fatt gab dana l-mobile phone meta hareg minn dan il-post. Nghid illi fil-fatt Jackson gieghlni nixhed falz fis-sens illi gieghlni nghid li dana l-mobile kien sabu. Nghid madanakollu li fil-presenza tieghi l-mobile beda jcempillu u hu nduna li dana ma kienx il-mobile tieghu izda lili qalli li kien ser izommu xorta. Meta ghedt li Jackson gieghlni nixhed falz fis-sens illi gieghlni nghid dana d-diskors meta bghatu ghalija gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat … Ghalhekk nghid illi huwa sar jaf illi l-mobile ma kienx tieghu izda ddecieda xorta wahda li jzommu. Meta nghid li sar jaf li l-mobile ma kienx tieghu nghid illi sar jaf inqas minn nofs siegha wara li kien hadu."

Illi l-Qorti temmen il-verzjoni moghtija minn dana x-xhud. Dana qed jinghad peress illi fil-verzjoni moghtija mill-imputat jirrizultaw wisq kumbinazzjonijiet u kongetturi li fir-realta' ma jaghmlux wisq sens:

1. Mercieca jsostni illi cempel diversi drabi fuq il-*mobile phone* tieghu. L-imputat ighid li ma semghux idoqq jew ma indunax. Spiteri min-naha tieghu jikkonferma illi t-telefon huwa semghu jdoqq u lill-imputat gibidlu l-attenzjoni ghal dana l-fatt.
2. L-imputat ighid illi l-*mobile phone* tefghu fil-pouch ta' wara s-*seat* ghax is-soltu hemm iqieghed il-*mobile phone*

tieghu. Li kieku dana kien minnu, allura kien jinduna mal-ewwel illi huwa kellu zewg *mobile phones* u mhux wiehed.

3. L-imputat ighid illi ltaqa' b'kumbinazzjoni ma' Spiteri fl-istess gurnata meta kien tiela' lejn Ghawdex jirritorna t-telefon in kwistjoni lill-pulizija. Il-Qorti ma temmen xejn lill-imputat meta jghid dana. Fil-verita l-imputat gie nfurmat minn Spiteri li l-pulizija riedu jkellmuh fuq dana t-telefon. Kien ghalhekk li tela' mieghu Ghawdex, tella' it-telefon mieghu u gieghel lil Spiteri jghid lill-pulizija illi dana t-telefon huwa kien hadu bi zball, kif jixhed l-istess Spiteri.

4. Il-fatt illi l-*mobile phone* li l-imputat irritorna lill-pulizija inzerta kien iccargjat sahansitra sitt ijiem wara li ttiehed ukoll timmilita favur it-tezi illi l-imputat kien qed jaghmel uzu minn dana l-*mobile phone*. Ma huwiex kredibbli l-imputat meta jghid illi huwa iccargjah qabel tela' Ghawdex sabiex jurieh lill-pulizija. Fil-fatt lanqas hawnhekk ma jaghti l-istess verzjoni ghaliex meta mistoqsi fl-istqarrija 'il ghala iccargja dana l-mobile, l-ewwel iwiegeb u ighid illi ccargjah ghax hasbu tieghu, imbaghad wara ighid illi ccargjah sabiex ikun jista' jurieh lill-pulizija. (ara stqarrija a fol.27)

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat kien jaf ben tajjeb illi l-*mobile phone* ma kienx tieghu. Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jemmen dak illi qal l-imputat illi dana l-*mobile phone* hadu bi zball, madanakollu jirrizulta sufficjentement ippruvat illi sa ftit tal-hin wara certament kien induna illi dana l-*mobile phone* ma kienx tieghu u ddecieda li jzommu. Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu: "*If subsequently to discovering the mistake, the taker converts the thing to his own use then he may indeed become guilty: the subsequent intent to appropriate the thing taken will relate back and make the taking fraudulent.*"

Illi d-difiza fl-ahharnett tikkontendi illi ma giex ippruvat l-*animus lucrandi* u cioe' l-intenzjoni illi l-imputat jaghmel xi forma ta' qliegh. Il-Professur Mamo f'dana r-rigward ighid hekk: "*The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms*

*of money but any advantage or satisfaction procured to one's self.*"

Illi mill-provi migjuba, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat ha l-*mobile phone* in kwistjoni bl-intenzjoni li juzah, tant hu hekk illi t-telefon kien iccargjat meta huwa rritornah lill-pulizija u ghalhekk dana l-ahhar element ukoll jirrizulta ppruvat.

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat tas-serq aggravat bil-valur u bil-persuna. Illi ghar-rigward tal-aggravju tal-persuna dina tirrizulta ippruvata billi l-imputat stess jammetti illi huwa impjegat ma' Francis Busuttil & Sons Limited u kien fil-kors tax-xoghol tieghu, meta mar sabiex jaghmel konsenja illi r-reat twettaq. Dawn il-fatti jinkwadraw ruhom f'dak dispost fl-artikolu 268(d) tal-Kodici Kriminali. Illi ghar-rigward tal-aggravju tal-valur ghalkemm fl-atti tal-kawza giet ipprezentata ricevuta minn fejn jirrizulta illi Daniel Mercieca kien akkwista dana l-*mobile phone* ghal prezz ta' Lm145 (ara Dokument F a fol.16) fil-21 ta' Marzu 2007, madanakollu fix-xhieda tieghu, Marcel Grech rapprezentant tas-socjeta Telecom jikkonferma illi telefon simili ghal-*mobile phone* in kwistjoni sa Awissu tas-sena 2008 kien jinbiegh ghal prezz ta' madwar Lm90 sa Lm100 jew madwar 220 Ewro. Illi ghalhekk meta sehhet is-serqa in kwistjoni l-valur tal-*mobile phone* Dokument E ma kienx dak tal-prezz indikat meta nxtara izda kien inqas u kwindi dana l-aggravju ma giex sufficjentement ippruvat.

Illi meta tigi biex tikkosnidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fedina penali kwazi netta tal-imputat u l-fatt illi huwa irritorna l-*mobile phone* misruq lill-pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe' l-akkuza tas-serq aggravat biss bl-aggravju tal-persuna u tikkundannah ghal perijodu ta' seba' xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta dana l-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti qieghda tordna illi d-Dokument E esebit fl-atti tal-kawza konsistenti f’mobile phone jigi ritornat lil sidu Daniel Mercieca.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------